# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru tlieta u disgħin (93) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar id-9 t'April, 2018 fis-6.20pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku li qalet it-talba.

<u>93.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;</u>

Paul Spiteri kien skużat wara li hekk dehrlu l-KLM hekk kif inqrat l-e-mail tiegħu li kien bagħat aktar kmieni matul il-ġimgħa.

Michel Farrugia ppreżenta sensiela ta' ċertifikati tal-mard u s-Sindku qalet illi se narawhom aktar tard.

<u>93.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>

Inqraw il-minuti tas-seduta punt punt u dawn kienu approvati b'vot unanimu bl-emendi li saru skont kif muri hawn taħt wara li tressqu għal vot mis-Sindku u kienu ssekondati minn Grace Marie Mallia.

92.03.01 Inqatgħet il-frażi 'Hija kompliet tgħid' u ddaħħlet 'Is-Sindku qalet'. Inqatgħu il-kelmiet 'xi ħadd li jista' jendorsja' u ddaħħlu 'il-possibilita' li l-Valletta 18 jendorsjaw'. Fit-tieni sentenza wara l-kelma 'qed jaħdmu' iddaħħlet il-frażi 'mal-iskultur Imqabba Antoine Farrugia'.

92.03.05 Wara l-kelmiet 'l-Awtorita' tal-Ippjanar' iddaħħlet il-frażi 'li uħud mir-residenti ressqu kontra' u
Wara l-kelma 'Projects Malta' iddaħħlet il-frażi 'biex il-proġett ma jsirx, u diġa' dehrna darba.

92.03.06 Inqalbu l-kelmiet 'Salvatore Schembri vs Pulizija ta' Malta' ma 'Pulizija ta' Malta vs Salvatore Schembri'.

92.03.10 Iddaħħlu l-kelmiet 'Issemma' wkoll id-diżordni li qed ikun hemm fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-MUSEUM bil-ġenituri jgħaddu xorta bil-karozza minkejja li f'dak

il-ħin it-triq tkun magħluqa. Il-KLM se jitlob l-assistenza tal-gwardjani lokali u l-pulizija biex jinfurzaw l-għeluq tat-triq għas-sigurta' tat-tfal', wara l-ewwel sentenza.

92.03.11 Inqatgħu il-kelmiet 'Mawra mis-Sindku' u ddaħħlet il-kelma 'Konferenza' fit-titlu. Fl-ewwel sentenza inqatgħu il-kelmiet 'il-mawra tagħha' u ddaħħlu l-'konferenza li attendiet għaliha'.

92.04.01 Inqatgħu '€132' u ddaħħlu '€159 adulti u €60 it-tfal'.

93.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;

93.03.01 Il-grada quddiem il-każin tal-futbol.

Charlene Muscat qalet illi s'issa għad m'għandniex risposta ċara mill-Awtorita' tal-Artijiet dwar jekk il-grada tal-każin tal-futbol hix legali jew le. Kif tingħabar din l-informazzjoni il-KLM jiddeċiedi dwar l-eżodu ta' dan kollu.

93.03.02 Proposta biex minn Sqaq l-Isptar jgħaddu minnu biss residenti bil-vetturi.

Kienet diskussa l-proposta minn xi residenti biex tingħalaq it-triq għajr għar-residenti minn Sqaq l-Isptar u minn Triq Mikelanġ Sapiano 'l isfel. Għaldaqstant se nitolbu lil TM wara li kien hemm qbil unanimu fost il-kunsillieri preżenti (3). Fuq in-naħa t'isfel kien hemm qbil għall-proposta ta' Grace Marie Mallia sabiex titpoġġa *bollard* fejn kien jagħlaq l-isqaq.

93.03.03 Twessiegħ ta' Triq Ħal Farruġ kantuniera ma Triq tas-Sejba.

Charlene Muscat tkellmet dwar it-twessiegħ propost fi Triq Ħal Farruġ kantuniera ma' Triq tas-Sejba.

93.03.04 Dwar il-proposta' ta' ħaġra kbira li se titpoġġa fir-raħal biex tkun minquxa minn artisti, s-Sindku qalet illi din il-proposta ma saritx minn Volker u Jenny iżda minnha wara li rat ix-xogħol ta' kwalita' li dawn l-artisit għamlu flimkien mal-Imqabbi Antoine Farrugia. Dan kien konfermat mill-kunsillieri li kienu preżenti. Għaldaqstant se ssir korrezzjoni.

93.03.05 Dwar l-istruttura li hemm fi blokka bini fl-inħawi ta' l-Isptar il-Qadim fejn qed jingħad illi din l-istruttura hija spiżerija tal-*La Roche Posay* l-Awtorita' tal-Artijiet infurmatna illi dawn kienu żewġ ċanti (*tenements)* differenti.

93.03.06 Dwar id-Dar tal-Anzjani, Charlene Muscat qalet illi hija attendiet is-smiegħ u kien hemm żewġ residenti u persuna oħra li ma toqgħodx l-Imqabba preżenti. Fis-seduta xehedu persuna minn *Projects Malta* u hija stess. Hija qalet illi kienet mistoqsija kif saret l-għażla ta' dan is-sit u jekk kienux diskussi siti alternattiv.

93.03.07 Il-KLM kien imħarrek ukoll f'kawża li fetħu l-*Health and Safety* fil-Qrati Kriminali għax ma kienx għamel ir-rapport ta' evalwazzjoni. Intant dan issa dan sar u wkoll tħallset il-multa ta' €250 li kienu bagħatulna.

93.03.08 Is-Sindku qalet illi għal-Festa Nar sibna intopp bil-preżentazzjoni ta' petizzjoni minn diversi bdiewa li għandhom ir-raba' fl-inħawi ta' Triq Ħal Kirkop. L-ewwel ma saret kienet laqgħa *on site* fejn se jinħaraq in-nar u mbgħad oħra fir-Reġjun Nofsinhar li għaliha kienu preżenti kemm is-Sindku kif ukoll is-SE li ħa l-minuti. Hija pproponiet illi nhar il-11 t'April filgħaxija se jkollna laqgħa mar-rappreżentanti tas-Soċjetajiet Mużikali tal-Imqabba għaliex ir-Reġjun Nofsinhar se jkun qed iħallashom biex jagħmlu id-dekorazzjonijiet u l-illuminazzjoni tat-toroq.

93.03.09 Kien deċiż illi fil-ħarġiet li ġejjin, Elvin Sciberras għandu jkollu ċ-ċans li jerġa' jdur il-Malti għall-iżbalji wara li jkollna f'idejna l-kopja finali tal-fuljett.

93.03.10 L-*Afternoon Tea* tal-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ, ta' nhar it-8 t'April sar u kien hemm attendenza tajba iżda l-Egg Hunt li kellha ssir ġurnata qabel ma saritx minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

93.03.11 Is-Sindku qalet illi bi preparazzjoni għall-kors tal-fotografija mingħajr ħlas hu maħsub li l-istudenti jkunu qed jieħdu r-ritratti u jippreżentawhom f'esebizzjoni. L-aqwa ritratti jintgħażlu biex isiru postcards dwar l-Imqabba.

93.03.12 Il-problema li kien hemm fi Triq Mikelanġ Sapiano issa ssolviet billi l-*Environmental Landscapes Consortium* qalgħu s-siġra. Is-Sindku qalet illi se nippruvaw invaraw proġett ta' taħwil ta' siġar permezz tal-Ministeru tal-Ambjent biex inħaddru r-raħal.

93.03.13 Is-Sindku semmiet l-*Earth Clean Up Day* li se ssir fit-22 t'April. Is-SE qal illi issa hu assenjat il-*leader* tal-Imqabba u se jsiru tħejjijiet biex jinġieb *skip* fi Sqaq Buħar.

93.03.14 Charlene Muscat kellmet lil Antoinette Psaila dwar il-problema tas-sadd tad-drenaġġ fi Triq il-Qattara. Kien deċiż illi l-KLM se jinforma lis-Sanita' u jekk ikun hemm l-ispejjeż tal-ħsarat jitħallsu mill-KLM għax dawn kienu seħħew wara li tlestiet il-bankina mill-KLM.

93.03.15 Charlene Muscat semmiet il-propost tneħħija tal-*Communal Parking Bay* fi Triq Valletta.

93.03.16 Dwar il-ftuħ ta' uffiċċju tal-KLM fis-sular t'isfel, is-Sindku qalet illi qed inġibu l-istimi għall-għamara, siġġijiet, purtiera u tkomplija tal-*platform*. Se naraw ukoll li nikru *photocopier* tal-kulur u fuq kollox inġibu l-ħinijiet tal-uffiċċju fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett.

93.03.17 Charlene Muscat talbet lill-kunsillieri sabiex jevalwaw l-offerta pubblika tal-latrini pubbliċi.

93.03.18 Charlene Muscat qalet illi qabbdet lil Joe Farrugia (l-Bażżi) biex inaddaf il-parti quddiem ir-*runway* tal-ajruport fi Triq tas-Sejba.

93.03.19 Charlene Muscat qalet illi daħlulha lmenti dwar il-knis. Charlene Muscat qalet illi l-kennies ma ġiex nhar l-4, l-5 u s-6 t'April u talbet biex noħorġulu *default notice*.

93.03.20 Charlene Muscat semmiet it-trakkijiet li għadhom jgħaddu minn Triq Valletta u qed jagħmlu l-ħsara fil-faċċati tad-djar. Il-proposta tal-KLM hija li vetturi tqal ikunu devjati minn triq li l-KLM ippropona li tinfetaħ fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

93.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

93.04.01 Grace Marie Mallia qalet illi l-ħarġa għal Għawdex se jkollha tiċċaqlaq mill-15 għat-22 ta' Mejju. Issemmew il-prezzijiet ta' €20 għall-anzjani u €25 għall kbar.

93.04.02 Grace Marie Mallia qalet illi hemm bżonn illi l-ħaddiema tal-RSS inaddfu r-raħal mil-ħaxix ħażin.

93.04.03 Grace Marie Mallia qalet illi l-*emails* tal-KLM ilhom ma' jiġu mgħoddija lill-kunsillieri mit-3 t'April.

93.04.04 Grace Marie Mallia qalet illi kellimha is-Sur Joe Farrugia (il-Farell) u qalilha illi qed joffri assistenza sabiex xogħlijiet infrastrutturali tal-KLM isiru mill-Ministeru tal-Infrastruttura.

93.04.05 Il-ħarġa għal-*Limestone Heritage* kienet tajba u attendew għaliha 50 persuna. Charlene Muscat u Grace Marie Mallia qalu illi din għoġbot ħafna lil kull min ġie.

Michel Farrugia telaq fit-8.00pm.

93.05 Approvazzjoni tal-*Audit Adjustments* u l-Accounts Awditjati 2017;

L-*Audited Accounts 2017* għadhom ma tawhomlniex l-Udituri.

93.06 Kawża dwar (ħmieġ) plot fi Triq Kirkop;

Dwar il-każ fil-Qorti tal-Pulizija ta' Malta vs Salvatore Schembri, is-SE qal illi l-KLM kien mitlub jistabbilixxi jekk din l-art kienetx ta' din il-persuna u jekk issa hix tal-eredi tiegħu. Il-KLM iddeċieda illi jagħmel ir-riċerki tat-testment tiegħu u naraw jekk din l-art hix waħda li ħalla b'wirt lill-persuni.

93.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 93 minbarra *items* numri 1, 30, 37-40.

93.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgħa intemmet fid-9.30pm u dik li jmiss se ssir fit-8 ta' Mejju 2018 fl-istess ħin sakemm l-Udituri ma jagħtuniex data oħra biex ikunu approvati l-*Financial Statments 2017.*

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar it-8.5.18 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Eżekuttiv Sindku